# Programm ta' l-Iżvilupp Rurali 2007 – 2013

## Miżura 121 - Modernizzazzjoni ta' Strutturi Agrikoli

L-Aġenzija għall-Pagamenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali tixtieq tavża lill-pubbliku li ir-riżultat ta' għażla tal-proġetti għall-għajnuna taħt il-Miżura 121, Modernizzazzjoni ta' Strutturi Agrikoli, ko-finanzjata minn fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-Programm Rurali 2007-2013, ġie ppubblikat.

Dawk interessati jistgħu jaraw kopja tar-riżultat finali f'dawn il-postijiet:

Malta: L-Aġenzija għall-Pagamenti,
Uffiċċju tal-Applikazzjonijiet
Triq Luqa
Qormi

u ġewwa

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali
Blk A
Belt-is-Sebħ

Għawdex: Ministeru għall-Għawdex
Victoria,
Għawdex

Iż-żmien li wieħed jappella mir-riżultat miksub huwa ta' għaxart'ijiem (10) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Wara li jintemm il-perjodu tal-appell, l-Aġenzija għall-Pagamenti ser tibda tibgħat għall-ewwel mija u tmenin benefiċċjarju (180) skont l-ordni tal-mertu, sabiex jiffirmaw il-kuntratt għall-għajnuna finanzjarja u tkompli tagħmel dan sakemm tqassam il-fondi kollha allokati għal din is-sejħa.

Ir-riżultat jibqa' validu sakemm jintemm dan il-proċess.